# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 20 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 1194/2013/1 GM**

**John Vincent Meli u Doris Meli u b'digriet tat-3 ta' Diċembru, 2014 l-atti ġew trasfużi f'isem Maria Stella Borg, Brian Meli u Neil Borg *stante* l-mewt ta' John Vincent Meli u b'digriet tat-28 ta' Mejju 2015 l-atti ġew trasfużi f'isem Maria Stella Borg, Brian Meli u Neil Borg *stante* l-mewt ta' Doris Meli**

**v.**

**Simon John Meli u Carmen Meli**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell ewlieni mressaq minn Maria Stella Borg u Neil Borg (tnejn mill-werrieta tal-atturi John Vincent u Doris miżżewġin Meli) minn deċiżjoni finali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Jannar, 2020, li permezz tagħha ġew miċħuda t-talbiet

tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom; kif ukoll, dwar appell inċidentali mressaq mill-konvenuti sa fejn fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari sabiex il-konvenuta Carmen Meli tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-12 ta' Diċembru, 2013, l-atturi fissru li binhom, il-konvenut Simon John Meli, deher fuq il-kuntratt tal-20 ta' Ottubru, 1989 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Henry Sciriha, bħala mandatarju *prestanome* tagħhom, u akkwista parti mill-*plot* mill-art ta' Żejfi, f'Tal-Ibraġġ, Swieqi, immarkata bħala *plot* 38, fil-pjanta mehmuża ma' kuntratt tal-11 ta' Awwissu 1981, fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Spiteri tal-kejl ta' ċirka 391.2 metri kwadri.

3. Jingħad mill-atturi li għalkemm il-konvenut kien deher fuq l-imsemmi att ta' akkwist f'ismu proprju huwa kien fil-fatt aġixxa bħala mandatarju *prestanome* fl-interess tal-ġenituri tiegħu (l-atturi), tant illi l-prezz tal-akkwist u l-ispejjeż tal-att tħallsu mill-atturi bl-intiża li binhom ikun jista' jibni l-fond sovrastanti għall-garaxx u *maisonette* li huma bnew fejn illum jinsab il-fond, 4, "is-Sarsella", Triq il-Pulzier, Tal-Ibraġġ, Swieqi. Filwaqt li l-konvenuti bnew il-proprjetà sovrastanti l-istess *maisonette* u garaxx konsistenti f'żewġ sulari fejn illum jinsab mibni l-fond tal-konvenuti, 1, "il-Monakella", Triq F Vidal, Tal-Ibraġġ, Swieqi, bl-arja tagħha.

4. L-atturi jfissru li huma riedu jagħtu b'donazzjoni l-arja 'l fuq mill-garaxx u *maisonette* proprjetà tagħhom 4, "is-Sarsella", Triq il-Pulzier, Tal-Ibraġġ Swieqi, lill-konvenut binhom Simon Borg Meli, bl-intiża li huwa jibni d-dar tiegħu, però ma kienux ftehmu illi l-fond tagħhom ikun proprjetà ta' binhom u martu.

5. Jissoktaw jgħidu li żmien wara li l-atturi (il-ġenituri tal-konvenut) bnew il-proprjetà tagħhom 4, "is-Sarsella", Triq il-Pulzier, Tal-Ibraġġ, Swieqi bil-garaxx taħt, il-konvenut talabhom biex idaħħal fil-kuntratt miegħu lill-konvenuta Carmen Meli, li dak iż-żmien kienet l-għarusa tiegħu, ladarba kellhom il-ħsieb li jiżżewġu. Fil-fatt, skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Henry Sciriha tat-30 ta' April 1991, l-istess konvenut biegħ nofs indiviż l-istess porzjon art lill-konvenuta.

6. L-atturi jsostnu li l-konvenuti jafu illi kemm għall-akkwist tal-art, kif ukoll għall-bini tal-fond 4, "is-Sarsella", Triq il-Pulzier, Tal-Ibraġġ u l-garaxx sottostanti, dan ġie kollu mħallas bi flushom u qatt ma kien hemm il-ħsieb li jkun proprjetà tal-konvenuti.

7. L-atturi jilmentaw li l-konvenuti qed jippretendu illi l-proprjetà 4, "is-Sarsella", Triq il-Pulzier, Tal-Ibraġġ, u l-garaxx sottostanti hija proprjetà esklussiva tagħhom u qed jirrifjutaw jersqu għall-att pubbliku relattiv,

sabiex il-proprjetà inkwistjoni tiġi assenjata lill-atturi f'ishma ndaqs bejniethom.

8. Filwaqt li l-atturi jagħmlu referenza għall-**Artikolu 1871(A) tal-Kodiċi Ċivili,** jisħqu li ġaladarba l-arja fejn hemm mibni l-garaxx u l-fond 4, "is-Sarsella", Triq il-Pulzier, Tal-Ibraġġ, inkisbet f'isem il-konvenut u kienet proprjetà tal-atturi mandanti tiegħu, l-atturi f'kull żmien, għandhom il-jedd li jitolbu mingħand l-konvenuti, it-trasferiment tal-imsemmija proprjetà minnufih u mingħajr ebda kundizzjoni.

9. L-atturi jgħidu wkoll li, minkejja li saret ittra uffiċjali fit-22 ta' Ottubru, 2013, fejn sejħu lill-konvenuti biex jersqu għall-att pubbliku relattiv biex il-proprjetà tiġi assenjata lilhom dawn baqgħu inadempjenti.

10. Għalhekk l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> «*1. Tiddikjara illi għalkemm fuq l-att tal-20 ta' Ottubru, 1989, u tat-30 ta' April 1991, fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Henry Sciriha li permezz tiegħu l-konvenuti akkwistaw porzjoni ta' art fabbrikabbli formanti parti mill-art taż-Żejfi, fl-inħawi tal-Ibraġġ, St Andrews, limiti ta' Birkirkara/Madliena, Għargħur, bħala plot 38 fuq il-pjanta, annessa ma' att tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri tal-11 ta' Awwissu, 1981, tal-kejl ta' ċirka 391.2 metri kwadri fejn illum jinsabu mibnija l-garaxx 6 u l-maisonette 4, is-Sarsella, Triq il-Pulzier, Swieqi, deher il-konvenut Simon John Meli f'ismu proprju, kien fil-fatt akkwista l-imsemmi immobbli bħala mandatarju prestanome għan-nom u fl-interess tal-atturi u tiegħu wkoll mill-livell tal-arja 'l fuq mill-maisonette 4, is-Sarsella, Triq il-Pulzier, Swieqi fejn illum hemm mibni l-fond 1, Monakella, Triq F Vidal, Swieqi.*
>
> *2. Tiddikjara illi l-konvenuti huma proprjetarji biss tal-fond 1, Monakella, Triq F Vidal, Swieqi u mhux tal-fondi sottostanti 4, is-Sarsella, u 6, Triq il-Pulzier, Swieqi.*

*3. Tordna lill-konvenuti jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att relattiv biex jassenja u jitrasferixxi l-fondi 4, is-Sarsella u 6, Triq il-Pulzier, Swieqi, fuq ir-rikorrenti.*

*4. Tinnomina Nutar biex jirċievi u jippubblika l-att opportun, f'jum, ħin u lok stabbilit minn din il-Qorti u kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċja fuq l-att.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Ottubru, 2013.»*

11. Il-konvenuti ressqu t-tweġiba maħlufa tagħhom fl-24 ta' Jannar, 2014, li permezz tagħha eċċepew:

*«1. Illi preliminarjament, ġaladarba l-azzjoni attriċi hi waħda bażata fuq l-istitut tal-"prestanome" – vinkolu li jimplika relazzjoni unika bejn mandant (allegatament l-atturi) u mandatarju (allegatament binhom Simon John Meli) – l-eċċipjenti Carmen Meli hi estranja għal tali relazzjoni u m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-istess atturi u għalhekk Carmen Meli għandha tiġi liberata mill-ħarsien tal-ġudizzju.*

*2. Illi bla preġudizzju, l-eċċipjenti, individwalment u/jew flimkien, qatt ma aġixxew bħala mandatarji "prestanome" għall-atturi fl-akkwist tal-proprjetà mertu ta' dawn il-proċeduri u l-istess proprjetà ġiet akkwistata mill-eċċipjenti għalihom u għal ħadd aktar.*

*3. Illi bla preġudiżżju, kull m'għamlu l-atturi fil-konfront ta' binhom l-eċċipjent huwa li għenuh finanzjarjament sabiex jakkwista l-proprjetà mertu ta' din il-kawża, u qatt ma kien hemm l-intenzjoni, espliċita jew impliċita, illi l-istess binhom, waħdu jew flimkien ma' terzi, jakkwista tali proprjetà bħala prestanome. Għalhekk, m'għandux ikun hemm konfużjoni bejn ix-xenarju tal-għajnuna finanzjarja prestata minn ġenituri lejn l-iben u x-xenarju li qed jallegaw l-istess atturi.*

*4. Illi b'addizjoni għall-eċċezzjoni preċedenti, bħala stat ta' fatt, l-eċċipjent, flimkien ma' martu, kien kiseb self minn bank lokali sabiex ikun jista' jiżviluppa l-proprjetà ġa akkwistata preċedentement, u dan hekk kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża.*

*5. Illi mid-data tal-akkwist tal-proprjetà sad-data odjerna, l-eċċipjenti wettqu diversi xogħlijiet fil-proprjetà de quo u fl-ebda waqt u fl-ebda ċirkostanza ma ġew impediti jew miżmuma mill-atturi f'tali xogħlijiet, illi del resto tħallsu interament mill-istess eċċipjenti, hekk kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża.*

*6. Illi bla preġudizzju għal dak sovraeċċepit, għandu jirriżulta li hu għal kwantu pekuljari u anomalu illi l-atturi baqgħu daqstant passivi mis-sena 1989 (data akkwist tal-proprjetà) u interpellaw lill-eċċipjenti solament fit-*

*22 ta' Ottubru, 2013 (data ittra uffiċjali numru 3237/2013) fejn allegaw li l-eċċipjenti kienu l-mandatarji prestanome tal-istess atturi, ossia ben 24-il sena wara l-akkwist tal-proprjetà.*

*7. Illi bla preġudizzju għal dak sovra eċċepit, ai termini tal-Art. 562 Kod. Proċ. Ċiv., l-atturi huma tenuti jġibu provi konkreti, suffiċjenti u tajbin biżżejjed, ex Art. 558 u 559 Kod. Proċ. Ċiv., biex jissostanzjaw l-allegazzjonijiet tagħhom.*

*8. Illi fi kwalunkwe każ, l-allegazzjonijiet tal-atturi huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu interament respinti u dan hekk kif ser jirriżulta fil-kors tal-kawża.*

*9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi bil-Liġi.»*

12. Bis-saħħa tad-digriet tagħha tat-3 ta' Diċembru, 2014, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba għat-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Maria Stella Borg, Brian Meli u Neil Borg minħabba l-mewt tal-attur John Vincent Meli. Filwaqt li bid-digriet tat-28 ta' Mejju, 2015, intlaqgħet it-talba għat-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Maria Stella Borg, Brian Meli u Neil Borg minħabba l-mewt tal-attriċi Doris Meli.

13. Permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Jannar, 2020, inqatgħet il-kawża fis-sens illi: *«il-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, u tiċħad it-tabiet tal-atturi, bl-ispejjeż a kariku tagħhom.»*

14. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi hekk kienu:

*«Ikkunsidrat:*

*Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tiżen il-każ fil-mertu, sejra tqis l-eċċezzjoni ta' natura preliminari mqanqla mill-konvenuti li Carmen Meli tħarrket ħażin minħabba li l-azzjoni attriċi hija bbażata fuq l-istitut ta' prestanome li jimplika relazzjoni unikament bejn mandant u mandatarju. Jirriżulta mill-atti illi b'kuntratt ta' bejgħ tat-30 ta' April 1991 fl-atti tan-*

*Nutar Joseph Henry Sciriha,[1] il-konvenut Simon Meli biegħ lill-konvenuta Carmen Borg, li wara saret martu, nofs indiviż tal-porzjon art inkwistjoni. Illi t-talbiet tal-atturi huma indirizzati biex jiġi ddikjarat li l-proprjetà inkwistjoni tiġi ddikjarata proprjetà tagħhom, inkluż in-nofs indiviż li ġie akkwistat mill-konvenuta Carmen Meli. Għalhekk jidher mal-ewwel daqqa t'għajn li t-talbiet tal-atturi jolqtu l-interessi tagħha. Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur ma tfissirx li l-Qorti ma tkunx tista', fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konklużjoni li l-konvenuta hi għalkollox barranija għar-responsabbiltajiet lilha addebitati mill-atturi fl-azzjoni minnhom tentata[2]. Għalhekk meħudin inkonsiderazzjoni dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti ser tiċħad din l-eċċezzjoni;*

*Provi u Riżultanzi*

*Illi mill-atti tal-kawża joħorġu l-fatti ewlenin li ġejjin. B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha datat 20 ta' Ottubru, 1989[3], Simon Meli akkwista porzjon art Ta' Żejfi, f'Tal-Ibraġġ, Swieqi, mmarkat bħala plot 38 tal-kejl ta' ċirka 391.2 metri kwadru. L-atturi oriġinali li jiġu l-ġenituri ta' Simon Meli jallegaw li fuq dan l-att, binhom deher bħala prestanome. Stqarru li l-attur John Meli kien jafda kollox f'idejn it-tfal fejn jirrigwarda ktiba u dokumenti aktar u aktar f'din il-kwistjoni ta' xiri u bini ta' proprjetà għaliex ibnu Simon Meli kien draughtsman. Skonthom, il-ftehim dejjem kien illi kellu jinbena pjan terren ossia l-garaxx u l-maisonette ta' fuqu li jkun proprjetà tal-atturi fejn illum hemm eżistenti il-fond 4, is-Sarsella, Triq il-Pulzier tal-Ibraġġ waqt illi l-arja ta' fuqhom kienu se jiddotawha lil binhom biex meta jiġi biex jiżżewweġ, ikollu fejn itella' fond għalih. Illum hemm il-fond li jġib in-numru 1, il-Monakella, Triq F.Vidal tal-Ibraġġ, Swieqi konsistenti f'żewġt sulari u l-arja tagħha fejn jabitaw il-konvenuti. Dan għamluh għax taw lil uliedhom il-bniet id-dota tat-tieġ u riedu jimxu l-istess ma' wliedhom kollha. Isostnu li l-intiża kienet illi l-atturi jixtru l-arja sal-livell tal-maisonette li kellha tkun ir-residenza tagħhom, filwaqt li l-plot kollu, filwaqt li binhom Simon Meli jieħu b'titolu ta' donazzjoni l-arja sovrastanti;*

*Illi meta l-attur fl-2013 mar biex jagħmel testment intalab iġib il-kuntratt tal-akkwist tal-plot inkwistjoni u rriżulta illi din qiegħda fuq isem Simon Meli. Meta ntebaħ b'dan, talab lil ibnu biex titranġa l-kwistjoni iżda ibnu saħaq illi dik verament kienet proprjetà tiegħu. Skont l-attur, Simon kellu biss jixtri l-plot f'isem missieru u ommu u mhux fuq ismu.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-kawżali fir-rikors ġuramentat hija li l-konvenut kien "mandatarju prestanome". Li jfisser li l-atturi John Vincent Meli u martu Doris*

---

[1] Dok B *a Fol* 7.

[2] ***Frankie Refalo nomine v. Jason Azzopardi et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001; ***Grace Sacco v. Is-Superintendent Mediku fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex*** – QM (Għawdex) SG – AE – 16.10.2007.

[3] Dok A *a fol* 5.

***inkarigaw*** *lill-konvenut sabiex fuq il-kuntratt jidher li qiegħed jixtri f'ismu proprju mentri fir-realtà kienu qegħdin jakkwistaw huma. Presuppost ta' din il-kawżali hu li* ***kienu jafu*** *li l-kuntratt ta' xiri kien f'isem binhom. Minkejja dan, huma ressqu provi fis-sens li* ***ma kinux jafu*** *li l-post tar-residenza tagħhom kien f'isem il-konvenut u li għalhekk dan kien qarraq bihom billi fil-kuntratt ta' akkwist, niżżel, bil-moħbi tagħhom, ismu minflok isimhom. Asserzjoni din li tikkontradixxi, b'mod li teqred għalkollox, il-premessa tagħhom kif ikkonfezzjonata fil-kawżali msemmija, billi jekk binhom qarraq bihom ma setax kien prestanome tagħhom;*

*Illi kif inhu sewwa magħruf, u anke aċċettat, in linea ta' prinċipju ġenerali, in-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu deżunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proċeduri[4]. Hi wkoll regola proċedurali, sostenuta mill-ġurisprudenza, illi l-kawżali tad-domanda ossia r-raġuni ġuridika tat-talba - il-fundamentum agendi - apparti li għandha tiġi mfissra ċar u sewwa, ma tistax tiġi mibdula jew miżjuda u l-Qorti għandha toqgħod għat-talba kif tkun ġiet imfissra fl-att promotur[5]. Dan b'mod li l-Qorti ma tistax tiddeċiedi fuq xi dritt ieħor li jkun jirriżulta, anke għaliex, kif ritenut, "mhux leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni"[6]. Huwa minnu li, kif jinsab ritenut, fil-Qorti Inferjuri l-attur jista' jibdel il-kawżali[7] u, jekk ma tiġix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, iżda jiġi ppruvat jedd ieħor għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali, il-qorti tista' tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat, fuq l-istess rikors[8]. Din il-fakultà hija mogħtija espressament mil-leġislatur lill-Qrati inferjuri minħabba li dawn għandhom imexxu sommarjament u bl-ikbar ħeffa kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja[9]. A contrario sensu dan mhux konsentit fil-Qrati Superjuri;*

*Illi huwa daqstant ieħor veru li biex tiġi evitata l-multiplikazzjoni tal-kawżi l-Qrati rrikorrew għall-kriterju tal-ekwipollenza[10]. Iżda kemm l-imsemmi kriterju kif ukoll it-tibdil tal-kawżali huma hekk applikati jew konsentiti meta l-kawżali ma tkunx espressa sew fiċ-ċitazzjoni jew fil-każ ta' kawżali mfissra aktarx lakonikament. Fil-każ preżenti l-kawżali hi ċara u espliċita biżżejjed mill-premessi tad-domanda u mhux il-każ allura li għandu jiġi adottat dak appena aċċennat. Il-fatt li fuqu hija bbażata l-premessa – dak li l-atturi jsejħu "mandat prestanome" ex admissis mill-attur nfushom, ma jeżistix. Ergo t-talba tal-atturi ma tistax tintlaqa'. Il-fatti allegati mill-atturi jistgħu jagħtu lok għal azzjoni jew azzjonijiet oħrajn, iżda żgur mhux dik tal-"mandatarju prestanome";*

*Ikkunsidrat:*

---

[4] **Kollez. Vol XLII.i.86**.
[5] **Kollez. Vol. XXXIV.i.85**.
[6] **Kollez. Vol. XLVIII.ii.777**.
[7] **Kollez. Vol. XXXIV.i.414**.
[8] **Art. 213 Proċ. Ċiv**.
[9] **Art. 215 Proċ. Ċiv**.
[10] **Kollez. Vol. VIII.816; Vol XXIX.ii.698**.

*Illi l-Qorti tista' tieqaf hawn. B'danakollu, għall-kompletezza, u biex ma tingħatax l-impressjoni li din il-Qorti ħelset ħafif mid-dover tagħha li tagħmel ġustizzja sostantiva billi taprofitta ruħha minn punt proċedurali – anke jekk punt li, kif muri, jorbtilha jdejha għaliex hija trid toqgħod fil-limiti ta' dak dedott quddiemha fil-ġudizzju mill-partijiet kontendenti - xorta waħda sejra tikkunsidra u taqta' l-kwistjoni, ikkontestata b'mod mill-iktar akrimonjuż miż-żewġ partijiet fi djalettika kunflittwali li ilha sejra għal perjodu ferm twil ta' seba' snin, ċjoè minn meta bdiet din il-kawża, dwar min hu l-veru sid tal-proprjetà inkwistjoni;*

*Ikkunsidrat:*

*Il-kwistjoni hija waħda ta' provi u ta' kredibbiltà. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju[11]. F'kawża bħalma hija dik li l-Qorti għandha quddiemha llum, huwa prinċipju stabbilit li, fejn il-verżjonijiet tal-partijiet f'kawża jkunu tali li ma jaqblu f'xejn jew inkella b'mod estensiv, il-Qorti trid tqis liema waħda minn tali verżjonijiet hija l-aktar waħda attendibbli u toqgħod fuqha;*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka[12]. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbiltà u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, imqar fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f`kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant[13]. Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta` azzjoni ċivili, inkwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-attur John Vincent Meli stqarr, permezz tal-affidavit tiegħu (fol 49) li "jien qatt ma ridt li l-plot tinxtara fuq isem Simon imma jiena u marti ridna nagħtu l-arja ta' fuq il-garaxx u maisonette proprjetà tagħna" (sic) "u* ***hekk***

[11] App. Ċiv. 19.6.2006 fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ciantar v. David Curmi noe***.
[12] App. Inf. JSP 12.1.2001 fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et v. Raymond Mercieca***.
[13] **Kollez. Vol L.ii.440**.

***kien il-ħsieb tiegħi sakemm sirt naf riċentement** illi meta għamilna l-kuntratt tal-akkwist, il-proprjetà tniżżlet fuq isem Simon**… kull ma kellu jiġi mniżżel fuq ismu hija l-arja fuq iż-żewġ sulari** li jiena żammejt għalija u li bnejt bi flusi". Lill-attur ma sarlux kontroeżami għaliex sfortunatament ħalla din id-dinja fil-mori tal-kawża. B'danakollu, ma sfuġġiex l-attenzjoni ta' din il-Qorti, li ħadet tul konsiderevoli ta' ħin biex teżamina l-proċess bl-ikbar reqqa, li l-attur jinstab kontradett minn Albert Caruana, il-bejjiegħ tal-art inkwistjoni, prodott bħala xhud minnu stess. Caruana stqarr in kontroeżami li **"d-daddy** (b'riferenza għal John Vincent Meli) **imbagħad qalli ħa nagħmlu fuq it-tifel**"[14] Fil-fehma tal-Qorti, din il-kontradizzjoni lampanti ma tistax ma timpinġix negattivament fuq il-kredibbiltà tal-attur, speċjalment tenut kont li n-narrattiva ewlenija tal-atturi hi fis-sens li binhom qarraq bihom, billi ma kinux jafu li niżżel il-proprjetà fuq ismu (minkejja li l-attur kien preżenti waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-akkwist);*

*Illi l-attur John Vincent Meli stqarr fl-affidavit tiegħu jixhed ukoll illi kien għamel in-negozjati kollha dwar din il-biċċa art u flimkien miegħu kien ikun hemm ir-raġel ta' bintu, Aldo Borg. Dan ġie kkorraborat minn Aldo Borg u minn Caruana nnifsu meta jixhed li jiftakar sew lill-attur li kien imur ikellmu flimkien mar-raġel ta' bintu dwar l-art inkwistjoni u jiftakar ukoll x'karozza kellu. Jgħid illi ltaqgħu diversi drabi għan-negozjar. Jgħid illi lil Simon Meli ftit li xejn iltaqa' miegħu waqt in-negozjati għall-bejgħ tal-art iżda jisħaq illi l-ftehim sar ma' John Meli. Jgħid illi għal-kuntratt finali kien deher Simon Meli u kien mar miegħu wkoll l-attur. L-atturi jixhdu ukoll illi l-prezz tax-xiri ħallsuh kollu huma. L-attriċi tixhed illi kellha xi LM400 li ġew mill-wirt ta' missierha li kienet tagħthom lil żewġha biex ikun jista' jakkwista l-art. Caruana jixhed ukoll li mal-konvenju, l-attur ħallsu LM600 u mbagħad fuq il-kuntratt finali ħallsu LM1,400 u fi żmien sena mill-kuntratt ħallsu LM3,300 mingħajr imgħax. Jgħid li l-flus dejjem irċevihom mingħand l-attur. B'danakollu, Caruana huwa kontradett mill-iskrittura datata 29 ta' Mejju 1990 minn liema jirriżulta li kien Simon John Meli li ħallas il-bilanċ ta' LM3,300 mill-prezz tal-akkwist[15];*

*Illi l-atturi ma ġiebu l-ebda prova in sostenn tal-allegazzjoni tagħhom li ħallsu għall-bini tal-garaxx u l-maisonette ta' fuqu. Qatt ma indikaw min kienu l-periti, il-kuntratturi, il-ħaddiema u n-nies l-oħra tas-sengħa minnhom inkarikati. Lanqas ipproduċew l-irċevuti tal-ħlasijiet relattivi. Għall-kuntrarju, l-konvenuti ipproduċew bħala xhieda persuni inkarigati mill-bini (u mhux biss tat-tielet sular) u riċevuti relattivi rilaxxjati favur il-konvenut u ċjoè (i) il-plumber Joseph Degabriele li għamel xogħol mill-basement sat-tank tal-ilma ta' fuq il-bejt, li l-konvenut ħallsu LM480 (riċevuti fol 194); (ii) Charles Briffa li lesta l-faċċata tal-binja kollha fuq il-fil, li tħallas LM580 (riċevuta fiskali 040098 esibita); (iii) l-A.I.C. Wilfred Debattista li rrediġa l-pjanti; (iv) kontijiet u riċevuti tal-bennejja li qabbad il-konvenut u mnejn jirriżulta li ħallas saħansitra tal-pedamenti (ara affidavit tal-istess Perit); (iv) l-atti tal-kawża **Dominic Vella v. Simon Meli et** fejn il-konvenut tħarrek biex iħallas il-kont tal-istallazzjoni tal-*

[14] *fol* 281.
[15] *fol* 18.

*elettriku tal-binja kollha (v) biex jiffinanzjaw il-binja, il-konvenuti ħadu loan mil-Lohombus (kuntratt 02.10.1991 a fol 387) li permezz tiegħu ipotekaw id-dar bil-garaxx b'kollox. Dar li mbagħad ma nbietx għax minflokha l-konvenut bena żewġ maisonettes;*

*Illi l-atturi jallegaw li kien impossibbli għall-konvenut li jixtri l-art mid-dħul li kellu. Huwa kien impjegat full-time mal-Gvern. Il-kuntratt sar fl-20 ta' Ottubru 1989. Il-prezz kien ta' LM5,300 li tħallsu LM600 qabel il-kuntratt (aktarx mal-konvenju), LM1,400 mal-kuntratt u LM3,300 fi żmien sena mill-kuntratt. L-attur spjega li l-LM600 ħallashom hu; il-LM1,400 ħallashomlu missieru u mbagħad irrifondihomlu meta għalaqlu fixed deposit li kellu l-bank biex ma jitlifx l-imgħaxijiet. Kellu l-flus imfaddlin billi sa minn meta kellu 16-il sena kien beda jdoqq fit-tiġijiet bħala xogħol part-time, u mbagħad beda jaħdem part-time bħala draughtsman ma' periti. In sostenn tal-allegazzjoni tiegħu, il-konvenut ipproduċa dokumenti fiskali prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li juru li bejn 1987 u 1989 kellu depożitu fiss mal-Mid-Med Bank, li fil-1989 kien ta' LM1,300 u kien irendi mgħax annwu ta' 5% (ara return tat-taxxa fuq id-dħul ta' Simon Meli għas-sena li għalqet 31 ta' Diċembru 1989); Illi mid-dokumenti fiskali ppreżentati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, jirriżulta li l-konvenut daħħal mill-impjieg mas-servizz pubbliku LM1,304.70 fil-1987; minn tal-inqas l-istess somma fil-1988 (għaliex id-dokumenti esibiti ma tantx huma leġibbli) kif ukoll LM325.58 mix-xogħol part-time; LM2,048 fil-1989. Għalhekk qala' total ta' LM4,982.98 u jekk iżżid il-kapital li kellu l-bank, kellu madwar LM6,282,98. Dan apparti flus li preżumibilment qala' bejn Jannar u Mejju 1990 meta ħallas il-bilanċ ta' LM3,300. Illi għalhekk mhux inverosimili li l-konvenut kellu biżżejjed flus biex jiffinanzja x-xiri tal-art;*

*Illi l-Qorti ma ssibhiex ta' suffraġju għall-atturi ċ-ċirkostanza li snin wara l-konvenut issellef mingħand l-HSBC, imbagħad mingħand il-Banif Bank, biex jiffinanzja żewġt ikmamar għal uliedu, u ipoteka biss is-sular ta' fuq fejn kien joqgħod; ġaladarba l-valur tar-residenza tiegħu kienet biżżejjed biex tagħmel tajjeb għas-self. Interessanti li fin-nota ta' privileġġ u ipoteka, hemm imniżżel "unnumbered terraced house" u mhux maisonette*[16] *u, fid-disposable security position sheet tal-Bank hemm indikat bħala "Insured Property" – "Terraced house in course of construction in Plot 38 tal-Ibraġġ including garage/basement". Il-persuni assikurati huma indikati bħala Simon John Meli u Carmen Borg (fol 77);*

*Illi wara l-mewt tal-ġenituri, l-atti ġew trasfużi f'isem l-ulied (eskluż il-konvenut). Fosthom hemm Brian Meli, li kien ġuvni u joqgħod mal-ġenituri. Għalkemm attur, huwa kkorrobora bis-sħiħ il-verżjoni tal-konvenuti. Inter alia li missieru ma ħariġx flus*[17]*. Għalhekk l-atturi lanqas jaqblu bejniethom u dan ikompli jdgħajjef il-kredibbiltà tagħhom;*

*Illi kif ġa ngħad, il-piż tal-prova qiegħed fuq l-atturi. F'dan il-każ, il-provi li ressqu huma kunfliġġenti u barra minn hekk huma kontradetti minn*

[16] *fol* 80.
[17] *fol* 681.

*provi oġġettivi mressqin mill-konvenuti u għalhekk l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw l-allegazzjoni tagħhom li l-konvenut u/jew martu qarrqu bil-ġenituri tiegħu biex akkwistaw il-fond mibni fuq l-art inkwistjoni;»*

15. Maria Stella Borg u Neil Borg (tnejn mill-werrieta tal-atturi) appellaw minn din is-sentenza permezz ta' rikors tal-appell imressaq fl-14 ta' Frar, 2020. Għalhekk dawn l-appellanti talbu lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, sa fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tħassar is-sentenza fil-bqija tagħha, sabiex minflok tilqa' t-talbiet kollha tal-atturi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti.

16. Min-naħa l-oħra, filwaqt li l-konvenuti wieġbu l-appell ewlieni permezz tar-risposta tagħhom tat-28 ta' Frar, 2020, fejn fissru għala fil-fehma tagħhom dak l-appell kellu jiġi miċħud, ressqu wkoll appell inċidentali, li permezz tiegħu jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, sa fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tagħhom, filwaqt li jitolbu li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija tagħha. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi.

17. Rat it-tweġiba ta' Maria Stella Borg u Neil Borg għall-appell inċidentali tal-konvenuti, fejn talbu lil din il-Qorti tiċħad l-istess appell inċidentali tal-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

18. Ma sar l-ebda appell mill-attur Brian Meli, li huwa wkoll wieħed mill-werrieta tal-atturi John Vincent u Doris konjuġi Meli, li allura qagħad għad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.

19. Inżamm smigħ fil-11 ta' April, 2024, fejn saret it-trattazzjoni tal-appell ewlieni u tal-appell inċidentali, u minn hemmhekk l-appell tħalla sabiex tingħata din is-sentenza llum.

20. Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż dawk tal-kawża numru 651/2016 fl-ismijiet ***Simon John Meli v. Maria Stella Borg et***, li kienet miexja kontestwalment ma' din il-kawża, fejn l-attur ikkontesta t-testment *unica charta* tas-17 ta' Frar, 2014, li eventwalment ġiet ċeduta.

**Konsiderazzjonijiet**

21. Fir-rikors tal-appell tagħhom, l-appellanti Maria Stella Borg u Neil Borg itennu mill-ġdid dak li fil-fehma tagħhom kienu l-fatti li wasslu għal din il-kawża u l-ġurisprudenza marbuta mat-tema tal-mandat *prestanome.* B'dan illi jista' jingħad li l-istess appell tagħhom jissejjes fuq l-aggravju waħdieni li l-azzjoni attriċi «*ġiet mifhuma ħażin mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili*» (paragrafu 61 tar-rikors tal-appell).

22. Fil-fehma ta' din il-Qorti, jixraq li l-ewwel jitqies il-punt imqanqal mill-konvenuti appellati fir-risposta tal-appell tagħhom, fis-sens li l-appell taħt eżami għandu jiġi miċħud, peress li għalkemm ir-raġuni wara l-istess

appell jista' jingħad li jissejjes fuq id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-valutazzjoni tal-provi mressqa quddiemha, l-istess hekk imsejjaħ aggravju jikkonsisti biss f'argumenti għala t-talba oriġinali tagħhom kellha tiġi milqugħa. Jisħqu li l-istess appell m'għandu l-ebda ġustifikazzjoni ġuridika ta' kif u għaliex l-Ewwel Qorti żbaljat fis-sentenza minnha mogħtija. Għalhekk minflok ifissru l-iżball li fil-fehma tagħhom għamlet l-Ewwel Qorti, jerġgħu jesponu mill-ġdid il-verżjoni tagħhom tal-fatti tal-każ, sabiex din il-Qorti tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-fatti.

23. Għandu jingħad mal-ewwel, illi minn qari tar-rikors tal-appell, wieħed jinduna li dan jikkonsisti biss fi kritika ġenerali u bla dettalji speċifiċi tal-mod ta' kif l-Ewwel Qorti għarblet il-provi li ġew imressqa fil-kawża. L-appellanti, fl-appell ewlieni jsostnu li, ma jistgħux jifhmu kif fid-dawl tal-provi kif imfissra minnhom, senjatament dawk marbuta mal-età li kellu l-konvenut Simon John Meli meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' akkwist tal-proprjetà, il-mezzi li kellu l-istess konvenut u s-self li ħa mill-banek sabiex ikun jista' jibni l-fond tiegħu, u fid-dawl tad-duttrina u fil-ġurisprudenza dwar il-mandat *prestanome,* l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li l-konvenuti seta' kellhom il-mezzi finanzjarji sabiex jibnu ż-żewġ fondi u jlestuhom minn kollox, b'dan li jkomplu jħallsu s-self mogħti lilhom. Minħabba f'hekk l-atturi jgħidu li l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tagħhom.

24. Kif ingħad drabi oħra minn din il-Qorti, huwa meqjus li skont **l-Artikolu 143(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili,** rikors tal-appell għat-tħassir ta' sentenza mogħtija fl-ewwel grad għandu jkun fih raġunijiet dettaljati li għalihom ikun qiegħed jintalab dak it-tħassir. Din il-Qorti għamlitha ċara kemm-il darba, li sakemm l-appellant ma jsostnix it-talbiet finali **b'argumenti speċifiċi għalfejn id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti tkun żbaljata,** it-talbiet li ma jkunux sostnuti b'argumenti, ma jiġux kkunsidrati (ara b'eżempju s-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Mejju, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Plant Limited v. Water Services Corporation***).

25. Hekk ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' April, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Attard et v. Mark Anthony Barbara et***, ingħad**:**

> *« Għalkemm il-liġi titkellem fuq «raġunijiet dettaljati», dan ma jfissirx li l-appellant għandu jara x'jagħmel biex joqgħod jimla l-paġni tal-appell billi joqgħod jitkellem żejjed u jagħmel riferenzi twal għall-kotba u għall-ġurisprudenza mingħajr rabta loġika mal-kwistjoni involuta fl-appell. Kemm hu hekk, jinsab aċċettat fil-ġurisprudenza li appell xorta waħda għandu jiġi mistħarreġ minkejja li l-aggravji tiegħu jkunu qosra (ara* ***Etienne St. John v. Raymond Vella*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Jannar, 2024).*
>
> *13. Wara kollox, appell jiddependi fuq kemm wieħed ikun kapaċi jfisser l-aggravji tiegħu b'mod ħafif, mexxej u li jinftiehem dwar ir-raġuni għalfejn is-sentenza appellata għandha tiġi mħassra jew mibdula (ara* ***Lorenza Vincenza sive Lora Zarb v. Carmelo sive Charles Caruana et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru, 2023).*
>
> *14. B'danakollu però, minkejja li huwa aċċettabbli li wieħed jista' jressaq aggravji li jkunu qosra u xotti, dak li jkun irid japprezza li, daqskemm Qorti tal-Appell ma tistax tikkunsidra xi parti mit-talba finali li dwarha ma jitressqu l-ebda argumenti jew aggravji għalfejn id-deċiżjoni appellata tkun żbaljata (ara* ***Alicia Meilak v. Clodomiro Meilak*** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Mejju, 2022), daqstant ieħor il-Qorti tal-Appell ma*

*tistax tisħarreġ appelli mingħajr aggravji (ara* ***Godfrey Ellul v. Avukat Ġenerali*** *deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Novembru, 2006) jew appelli li jkun fihom aggravju li jgħid sempliċement li l-apprezzament imwettaq mill-Ewwel Qorti ma setax iwassalha għall-konvinzjoni morali tagħha biex tiċħad it-talbiet attriċi, mingħajr ebda forma ta' spjegazzjoni. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza* ***Luana Deguara v. Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna*** *nomine deċiża fit-3 ta' Frar, 2009, «mhijiex waħda mill-funzjonijiet ta' din il-Qorti li toqgħod tipprova teskoġita jew tindovina x'setgħa intenda l-appellant.»*

*15. Min jappella għandu jindika b'mod preċiż l-ilmenti tiegħu, u jekk qed jattakka l-apprezzament tal-provi milħuqa fl-ewwel grad, dan irid jindika fejn ma jaqbilx (ara* ***Rosemarie Magri pro et noe v. Joseph Magri*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2008 u* ***Dr Annalisa Caruana v. Transport Malta*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-25 ta' Ġunju, 2021).*

*16. Sewwasew f'dan il-każ, l-appellanti ma jistgħux jippretendu li din il-Qorti tal-Appell għandha ddawwar is-sentenza tal-Ewwel Qorti għar-raġuni biss li huma qegħdin isostnu li fuq grad ta' prova ta' bilanċ ta' probabbiltajiet, il-provi mressqa mill-konvenuti appellati ma kellhomx iwasslu lill-Ewwel Qorti biex tiċħdilhom it-talbiet tagħhom.*

*17. Jiġi b'hekk, li dan il-parti tal-aggravju magħmul biss minn sempliċi stqarrija dommatika tal-atturi appellanti mhux imsaħħaħ b'raġunijiet, qiegħed jiġi miċħud.»*

26. L-istess prinċipji japplikaw fil-każ tagħna. Tabilħaqq jista' jingħad li l-aggravju tal-appellanti huwa wieħed li qiegħed jipprova jwarrab l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, mingħajr ma dawn ifissru kif u għalfejn l-istess Qorti kienet żbaljata fl-eżerċizzju mwettaq minnha, hekk kif jagħmlu rassenja ta' dak li fil-fehma tagħhom irriżulta mill-provi u tal-ġurisprudenza relattiva għall-materja dwar il-mandat *prestanome.* Filwaqt li din il-Qorti tasal li taqbel mal-ġurisprudenza estensiva msemmija mill-appellanti fir-rigward ta' din il-materja, din il-Qorti ma tistax tikkunsidra t-talba aħħarija tal-appellanti li tħassar,

tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata, sa fejn fl-aggravju ma tressqu l-ebda argumenti għalfejn id-deċiżjoni appellata hija waħda żbaljata.

27. F'kull każ din il-Qorti għarblet l-atti kollha tal-kawża, u filwaqt li ma ssib xejn x'tiċċensura fl-osservazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti, tqis xieraq li żżid dawn l-osservazzjonijiet fir-rigward dak li jingħad mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom:

i. Din il-Qorti m'hemmx għalfejn tenfasizza l-aspett legali illi l-iskritturi li joħolqu obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti għandhom jitqiesu illi huma validi u li fedelment jirriflettu l-volontà kontrattwali tagħhom (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Novembru, 2001, fil-kawża fl-ismijiet ***Gourmet Co Ltd et v. Mariano Vella***).

ii. Dan jingħad peress li, għalkemm kif osservat mill-Ewwel Qorti, missier l-appellanti, l-attur John Vincent Meli, xehed (ara paġna 49 tal-atti) li kien hu li wettaq in-negozjati kollha u ħareġ il-flus għax-xiri tal-art, huwa qatt ma ried li l-art tinxtara fuq isem Simon, iżda ried li l-arja biss tinkiteb fuq isem it-tifel (il-konvenut). Sadanittant, il-venditur Bartholomew *sive* Albert Caruana xehed li huwa minnu li kien il-missier li wettaq in-negozjati kollha sabiex tinxtara l-art u li l-missier ħareġ il-flus kollha. Iżda, minkejja li xehed li dejjem kien taħt l-impressjoni li permezz tal-kuntratt tal-20 ta' Ottubru, 1989, huwa kien qiegħed ibiegħ lil John Vincent Meli (ara paġna 91 tal-

atti), kien l-istess John Vincent Meli li qallu li kien ser jagħmel il-kuntratt fuq it-tifel u li l-istess attur kien preżenti waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ (ara paġna 281 tal-atti). Dan kollu qiegħed jingħad peress li kien obbligu tal-istess John Vincent Meli li jispjega sew lin-Nutar dak li kienu l-intenzjonijiet tiegħu waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratt, sabiex il-kuntratt jirrifletti dak li hu ried.

iii. Dwar l-istitut tal-mandat, tajjeb jingħad li dan huwa kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha u li dan il-kuntratt mhux perfett sakemm il-mandatarju ma jaċċettax (**Artikolu 1856 tal-Kodiċi Ċivili**). Filwaqt li <u>mandat jista' jingħata</u> b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra jew <u>bil-fomm, jew ukoll taċitament</u> (**Artikolu 1857 tal-Kodiċi Ċivili**), il-liġi tipprovdi wkoll li l-aċċettazzjoni tal-mandatarju tista' wkoll tkun taċita u tista' tidher mill-fatt (**Artikolu 1858 tal-Kodiċi Ċivili**). Rilevanti f'dan is-sens hija s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-15 ta' Novembru, 2006, fil-kawża fl-ismijiet ***David Chetcuti nomine v. Richard K. Kandler***.

iv. Il-liġi tipprovdi wkoll li fejn il-każ ikun wieħed dwar trasferiment ta' beni, jew sabiex isiru ipoteki fuq beni jew atti oħra ta' proprjetà, is-setgħa li jingħata l-mandat għandu tkun waħda espressa (**Artikolu 1863(2) tal-Kodiċi Ċivili)**. Iżda permezz tas-sentenzi ta' din il-Qorti

tad-29 ta' Jannar, 2010 fl-ismijiet ***Victor Pisani v. Grazio u Rose miżżewġin Mizzi***, kif ukoll dik tal-11 ta' Jannar, 1950, fl-ismijiet ***Richard Rizzo Bamber noe v. Giuseppina Rizzo noe et***, ingħad illi «*mandat 'expressis' ma jfissirx ta' bilfors mandat bil-miktub, u jista' ugwalment jiġi stabbilit u ppruvat b'mezzi oħra li huma permessi mil-liġi.*»

v. Huwa prinċipju aċċettat li normalment persuna tikkontratta għaliha nnifisha sakemm ma jiġix indikat mod ieħor. Għalhekk il-piż tal-prova li min ikkuntratta jkun għamel hekk f'isem ħaddieħor jaqa' fuq min jagħmel allegazzjoni bħal din (Qorti tal-Kummerċ mogħtija fis-27 ta' April, 1992 fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Cilia noe v. Charles Scicluna*** (Kollez. Vol: LXXVI.iv.673)), u f'każ ta' nuqqas ta' provi jew ta' dubju, il-mandat ma jistax jiġi preżunt iżda għandu jiġi eskluż (ara s-sentenzi ta' din il-Qorti tal-4 ta' Novembru, 2005, fil-kawża fl-ismijiet ***J. Lautier Co. Limited v. Alfred Cutajar*** u dik tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-28 ta' Novembru, 2008, fil-kawża fl-ismijiet ***Pauline Brockdorff v. Mondial Travel***).

vi. Fil-każ tal-lum, il-verżjonijiet tassew kunfliġġenti mressqa mill-partijiet fil-kawża tabilħaqq iqanqlu dubju dwar kemm kien jeżisti dan il-mandat. Hemm kunflitt ċar bejn dak li xehdu l-istess atturi, ma' dak li xehed il-konvenut. Mill-ġabra tal-provi, din il-Qorti ma

tqisx li l-atturi seħħilhom jippruvaw sal-grad meħtieġ, li kien hemm ftehim sabiex il-konvenut jidher fuq il-kuntratt ta' akkwist permezz ta' mandat *prestanome*.

vii. Barra minn hekk, minkejja li l-atturi jsejsu l-azzjoni u l-appell tagħhom fuq il-mandat *prestanome,* jiġifieri li l-konvenut Simon John Meli, ma kisibx l-art f'ismu iżda għan-nom ta' missieru, kif tajjeb osservat mill-Ewwel Qorti, kien l-istess John Vincent Meli li fl-affidavit tiegħu xehed li qatt ma ried li l-art tinxtara fuq isem Simon iżda li jagħtuh biss l-arja! Diffiċli li wieħed jifhem kif l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq il-kuntratt ta' mandat *prestanome,* iżda l-istess attur ikompli jixhed «*sakemm* ***sirt naf reċentement illi meta għamilna l-kuntratt tal-akkwist, il-proprjetà tniżżlet fuq isem Simon***.» Din ix-xhieda kontradittorja tkompli meta jingħad mill-attur: «***Illi Simon aġixxa għan-nom tiegħi fl-akkwist tal-plot inkwistjoni għax kull ma kellu jiġi mniżżel fuq ismu hija l-arja*** *fuq iż-żewġ sulari li jiena żammejt għalija u li bnejt bi flusi.»*

viii. Din ix-xhieda fl-ewwel lok, tikkonferma li John Vincent Meli kien preżenti meta jgħid «*għamilna l-kuntratt*». Magħdud ma' dan, din ix-xhieda mhix ta' sostenn għall-azzjoni attriċi ta' mandat *prestanome,* meta jingħad mill-attur li ma kienx jaf li l-art tniżżlet fuq isem il-konvenut li suppost huwa l-mandatarju! Tassew, kif ingħad

mill-Ewwel Qorti, din ix-xhieda tal-attur teqred l-azzjoni attriċi kif imfassla. B'sogħba l-appellanti ma jgħidu xejn f'dan ir-rigward fir-rikors tal-appell tagħhom, anzi f'paragrafi 53 u 57 tar-rikors tal-appell tagħhom jirrepetu din l-anomalija.

ix. Miżmum dan, ma jistax jitwarrab li t-talbiet attriċi huma msejsa fuq il-mandat *prestanome* u l-Qorti trid tiddeċiedi fuq dak mitlub minnha. M'hemmx dubju li dan il-kunċett ta' mandat *prestanome* ilu jeżisti fil-ġurisprudenza tagħna. L-azzjoni *mandati directa* kienet milqugħa u mħarsa bis-saħħa tal-interpretazzjoni u l-intervent tal-Qrati taħt l-istitut tal-kuntratt tal-mandat jew prokura. Illum-il ġurnata, il-liġi tagħna tagħraf espressament qagħda bħal din u tirregola sewwa l-effetti tagħha fil-qafas ta' obbligazzjonijiet fiduċjarji. Fil-fatt fil-premessi tar-rikors promotur jissemma l-**Artikolu 1871A tal-Kodiċi Ċivili,** li fil-verità jitratta proprjetà soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji. L-istitut ta' obbligazzjonijiet fiduċjarji llum-il ġurnata jinsab regolat sew fil-liġi tagħna (ara **Artikoli 1124A sa 1124I tal-Kodiċi Ċivili**). Sfortunatament, ħlief għal aċċenn li sar fin-nota tal-osservazzjonijiet quddiem l-Ewwel Qorti (ara paġni 777 sa 779 tal-atti) l-appellanti ma ttrattawx din il-materja fl-appell tagħhom.

x. Kif ingħad fis-sentenza reċenti ta' din il-Qorti tat-23 ta' Mejju, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Dolores Mallia et v. David Bondin et,*** fit-tħaddim tal-provvedimenti tal-liġi dwar obbligazzjonijiet fiduċjarji, **l-Artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili** ma jillimitax it-tħaddim tiegħu, la għal relazzjoni ta' impjieg, jew għal min ikollu fil-pussess tiegħu informazzjoni kunfidenzjali u lanqas għal min ikollu xi ġid ta' ħaddieħor. Tqies li f'ċirkostanzi bħal dawk taħt eżami, fejn hemm involuti l-familjari, il-fiduċja hija inerenti. Anzi hija l-bażi ta' dawn ir-relazzjonijiet, almenu fil-bidu tagħhom. Naturalment xorta waħda l-oneru tal-prova jaqa' fuq min ikun qiegħed jallega li tkun ġiet imxellfa dik il-fiduċja. Ikkunsidrat li l-provi tal-atturi jiffokaw fuq l-allegat aġir skorrett tal-konvenut, forsi kien jagħmel aktar sens li l-atturi jesploraw dan l-aspett ġuridiku bħala l-kawżali għall-azzjoni tagħhom fl-appell imressaq minnhom.

28. Fir-rigward tal-provi, minkejja li din il-Qorti fliet mill-ġdid il-provi u l-atti tal-kawża, issib li l-appellanti ma wrew xejn ġdid li forsi seta' ħarab l-iskrutinju tal-Ewwel Qorti u lanqas tqis li l-appellanti ressqu xi raġuni li tiġġustifika li din il-Qorti tvarja l-apprezzament tal-provi, kif lanqas intwera li d-diskrezzjoni li użat l-Ewwel Qorti kienet waħda eżerċitata b'mod ħażin, meta qieset il-provi u għażlet liema minnhom kienu aktar ta' min joqgħod fuqhom.

29. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li fi kwistjonijiet li jolqtu l-apprezzament tal-provi, xogħol din il-Qorti huwa li tara mingħajr ma tissostitwixxi l-fehma jew l-apprezzament tal-fatti, hekk kif magħmula mill-Ewwel Qorti, u dan billi tistħarreġ jekk mill-provi li hemm fl-atti, dik il-Qorti setgħetx raġonevolment tasal għall-fehma li tkun waslet għaliha jew inkella jekk it-tifsir mogħti minnha għall-provi li tkun straħet fuqhom, ikunx tali li persuna raġonevoli ma tasalx biex tagħmlu (ara s-sentenzi ta' din il-Qorti tal-15 ta' Frar, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Santumas Shareholdings plc v. C&M Contractors Limited*****,** u dik tal-31 ta' Mejju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Orazio sive Grezzju Azzopardi v. Anthony Azzopardi***).

30. Minkejja li fis-sentenza tagħha, l-Ewwel Qorti tat bosta raġunijiet għalfejn kienet qiegħda tagħżel li ma toqgħodx fuq il-verżjoni tal-atturi, tul ir-rikors tal-appell, l-appellanti ma ressqu l-ebda xorta ta' kritika lejn dak ir-raġunament. Anzi r-rikors tal-appell huwa miżgħud b'dak li jingħad mill-appellanti li huma fatti li rriżultaw ċari, li fil-verità jista' jingħad li huma l-fatti mil-lenti tal-appellanti, jew fi kliem l-appellati, interpretazzjoni unilaterali li lanqas jista' jingħad li ġew stabbiliti jew aċċertati, peress li baqgħu punt ta' kontroversja sal-aħħar.

31. Hekk per eżempju, meta jingħad mill-appellanti li «*rriżulta bl-aktar mod ċar illi l-konvenju kien iffirmat mill-missier John Vincent Meli u mhux minn ibnu»,* dan il-konvenju ma jirriżultax esibit fl-atti. Anzi, mix-xhieda

tan-Nutar Joseph Sciriha rriżulta li, minkejja li pprova jfittex dan il-konvenju, dan ma rnexxielux isibu (ara paġna 152B tal-atti)! Kif ukoll, minkejja li l-atturi jisħqu li huma ħallsu l-prezz sħiħ għax-xiri tal-art, verżjoni kkonfermata mill-bejjiegħ (Bartholomew *sive* Albert Caruana), il-konvenut isostni li salv għas-somma ta' Lm1,400 li ġiet mislufa minn missieru li ġiet debitament imħallsa lura, huwa ħallas għax-xiri tal-art inkwistjoni. Fil-fatt, mill-iskrittura datata 29 ta' Mejju, 1990, jirriżulta li kien Simon John Meli li ħallas il-bilanċ ta' Lm3,300 mill-prezz tal-akkwist (ara Dok. D f'paġna 18 tal-proċess).

32. Hekk ukoll, minkejja li l-atturi jinsistu li kienu huma li ħallsu wkoll għall-bini tal-garaxx u tal-fond "is-Sarsella", u li l-konvenut ma setax kellu l-mezzi sabiex iħallas kollox, kif ġustament osservat mill-Ewwel Qorti, l-atturi ma ressqu l-ebda provi ta' rċevuti jew ħlasijiet imwettqa minnhom marbuta max-xogħlijiet. Mentri l-konvenut ressaq provi bħax-xhieda tal-perit inkarigat mid-disinn tal-binja, li kkonferma li l-ħlas sar mill-konvenut (ara paġna 208 tal-atti), provi tal-kuntratti li l-konvenut kellu mal-bennejja, inkluż il-ħlas tal-pedamenti tal-binja (ara paġni 220, 228 u 229 tal-atti), numru ta' ħaddiema tas-sengħa li wettqu xogħlijiet fuq il-binja sħiħa (ara paġni 204, 205, 233 u 253 tal-atti) li xehdu li tħallsu mill-konvenut, kif ukoll numru ta' rċevuti maħruġa minhom b'rabta mal-imsemmija xogħlijiet (ara paġni 197 sa 202, 228, 262 u 263 tal-atti).

33. Minn qari tar-rikors tal-appell, jirriżulta ċar li l-ilmenti prinċipali tal-appellanti huwa li l-Ewwel Qorti għażlet li tħaddan il-verżjoni tal-konvenuti appellati u fuq hekk biss dan l-aggravju għandu jiġi miċħud. Il-fatt li l-Qorti wara li tgħarbel il-provi kollha fl-atti, tagħżel li toqgħod fuq il-provi li jitressqu minn parti fil-kawża bħala aktar ta' min joqgħod fuqhom, ma jfissirx li s-sentenza appellata hija radikalment żbaljata. Ladarba l-azzjoni kif imressqa mill-atturi, ma tirriżultax ippruvata sal-grad meħtieġ sabiex tnissel fil-ġudikant il-konvinċiment morali meħtieġ, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza tal-Ewwel Qorti.

34. Għalhekk l-appell ewlieni ser jiġi miċħud.

35. Imiss li jiġi mistħarreġ l-appell inċidentali mressaq mill-konvenuti, li permezz tiegħu jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, sa fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tagħhom, fis-sens li l-konvenuta Carmen Meli hija barranija għar-relazzjoni li fuqha tissejjes l-azzjoni attriċi, jiġifieri dik ta' mandat *prestanome,* bejn il-mandant u l-mandatarju *prestanome.* Għalhekk issostni li m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi u li allura kellha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

36. Għandu jingħad mal-ewwel, li din il-Qorti tqis li dan l-aggravju bħala wieħed mhux fejjiedi. Huwa minnu li l-atturi qatt ma sostnew li huma kienu taw xi mandat lill-konvenuta Carmen Meli fis-sens li tidher għan-nom

tagħhom, sabiex takkwista l-art inkwistjoni, jew li hija aċċettat tali mandat, kif ukoll, jirriżulta li hija ma kenitx parti fuq il-kuntratt tal-akkwist tal-20 ta' Ottubru, 1989 (ara Dok. A f'paġna 5 tal-atti). Madankollu, mhuwiex ikkontestat li l-konvenuta akkwistat nofs indiviż tal-art mertu tal-kawża, meta xtrat dan is-sehem bis-saħħa tal-kuntratt tat-30 ta' April, 1991, fl-atti tan-Nutar Joseph Sciriha (ara Dok. B f'paġna 7 tal-atti).

37. Ġaladarba t-talbiet attriċi kienu ndirizzati kontra l-konvenuti, sabiex jiġi dikjarat li l-proprjetà inkwistjoni hija proprjetà tagħhom, u sabiex jiġi pubblikat il-kuntratt relattiv li bih l-atturi jiġu assenjati l-proprjetà li jingħad li hija tagħhom, allura hemm inkluż in-nofs indiviż li Carmen Meli akkwistat mingħand il-konvenut Simon John Meli. Jiġi b'hekk li l-Ewwel Qorti ddeċidiet tajjeb li t-talbiet attriċi kienu tabilħaqq jolqtu l-interessi tal-konvenuta. Dan fih innifsu ma jfissirx li l-atturi jkollhom raġun fil-mertu tat-talbiet tagħhom, jew li ma jkunx hemm eċċezzjonijiet fil-mertu li jistħoqqilhom li jiġu milqugħa (kif fil-fatt ġara).

38. Huwa miżmum li minħabba li l-azzjoni *mandati directa* hija waħda personali, jidher li l-jedd tal-azzjoni jintilef jekk kemm-il darba l-ħaġa miksuba mill-mandatarju tkun laħqet għaddiet għand terzi persuni (ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti tal-25 ta' Jannar, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***J & L Limited v. Josephine sive Josette Magri***, kif ukoll dik tas-26 ta' Ottubru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Agius v. Rita Caruana***).

39. Madankollu, ġie għadd ta' drabi mfisser ukoll li l-litiskonsorzju – jiġifieri l-ħtieġa li kull min għandu interess fi kwistjoni jkun jagħmel parti minn kawża dwar dik l-istess kwistjoni – ikun meħtieġ fejn l-azzjoni «*tkun tendenti għall-mutament ta' rapport jew stat ġuridiku wieħed.*» Ġaladarba l-atturi f'dan il-każ talbu li jiġi dikjarat li l-konvenut kiseb l-art f'isimhom, bħala mandatarju *prestanome* u li huma proprjetarji tal-fond sottostanti, jiġifieri l-*maisonette* bl-isem "is-Sarsella" bin-numru 4 u l-garaxx bin-numru 6 fi Triq il-Pulzier, Swieqi, li nbnew fuq l-art li l-konvenuta akkwistat is-sehem ta' nofs indiviż tagħha, altru li dan jista' jsarraf f'bidla fir-rapport.

40. F'każ bħal dan, il-litiskonsorzju huwa meħtieġ u n-nuqqas tal-parteċipazzjoni fil-kawża ta' wħud mill-interessati, kemm bħala atturi nkella bħala mħarrkin, jista' jiġi sostitwit bil-prova ċerta tal-adeżjoni ta' dawk l-interessati għat-talba magħmula minn xi wħud minnhom, u mhux anqas minn hekk (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Mejju, 2010, ikkonfermata minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar, 2014, fil-kawża fl-ismijiet ***Dolores mart Anthony Abela et v. Vincent Gusman et***). Ċertament f'dan il-każ ma tirriżultax l-adeżjoni min-naħa tal-konvenuta għat-talbiet attriċi, u għalhekk għamlu sew l-atturi li daħlu wkoll lill-konvenuta bħala parti fil-kawża.

41. Għalhekk l-appell inċidentali mhux mistħoqq.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** kemm l-appell prinċipali ta' Maria Stella Borg u Neil Borg, kif ukoll l-appell inċidentali tal-konvenuti konjuġi Meli, u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ.

L-ispejjeż marbuta mal-appell ewlieni għandhom jitħallsu mill-appellanti Maria Stella Borg u Neil Borg, filwaqt li l-ispejjeż marbuta mal-appell inċidentali għandhom jitħallsu mill-istess konvenuti miżżewġin Meli.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss